MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 23/2004

**Gozo Village Holidays Limited**

**vs**

**Kevin Zammit**

**Industrial Abrasive Supplies Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi s-socjeta’ attrici topera negozju ta’ kiri ta’ djar ghall-skopijiet ta’ akkomodazzjoni turistika.

Illi l-konvenuti ghamlu uzu minn dawn is-servizzi u f’iktar minn okkazjoni wahda krew djar ta’ din il-kumpanija.

Illi ghadha dovuta lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha mija u hames liri Maltin (Lm905) rapprezentanti hlas tal-bilanc ghall-provvista ta' dan is-servizzi.

Illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet il-konvenuti naqsu li jhallsu dan l-ammont.

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici trid li l-konvenuti jkunu kkundannati jhallsu dan l-ammont flimkien ma l-imghax mid-data tas-servizz sad-data tal-hlas relattiv, l-ispejjez ta' din il-kawza u l-ispejjes ta' ittra interpellatorja mibghuta fit-18 ta' Ottubru 2003."

Ra li l-konvenuti ghalkemm notifikati ma  pprezentaw l-ebda risposta u lanqas dehru ghas-seduti;

Ra l-kapitoli pprezentati mis-socjeta' attrici;

Billi l-konvenuti naqsu li jidhru  fis-seduta tat-13 t'April 2004 li fiha l-kapitoli gew ipprezentati u lanqas ghal dik tal-lum minghajr ma gabu ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra taghhom;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet fil-kapitoli m'ghandhomx jitqiesu bhala mistqarra ;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsuha s-somma ta' LM905 ghal uzu ta' servizzi bl-imghax mid-data tas-servizz sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-18 ta' Ottubru 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------